MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 484/2012

**Nabil Mgharious u martu Rosaria Nazim, u Tina Nazim**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta’ Mejju 2012 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-attur huwa persuna ta’ nazzjonalita’ Eġizzjana u t-twelid tiegħu ġie reġistrat mill-intimat kif jirriżulta mill-anness ċertifikati tat-twelid (Dok A u Dok A1). F’dawn iċ-ċertifikati ismu jidher korrettement bħala “Nabil” u kunjom missieru korrettement ukoll jidher bħala “Mgharious”.

2. Illi l-attur qiegħed jesebixxi wkoll kopja tal-karta ta’ identita’ tiegħu wkoll bħala Dok B minn fejn jirriżulta illi ismu u kunjomu huma ndikati bħala “Nabil Mgharious”.

3. Illi meta l-attur iżżewweġ lill-konvenuta Rosaria xebba Abela, ġie reġistrat l-anness ċertifikat taż-żwieġ (Dok C).

4. Illi dan *nonostante* meta l-attriċi applikat għall-karta ta’ identita’ erronjament din inħarġet bħala “Rosaria Nazim” meta “Nazim” m’huwiex il-kunjom tal-attur pero’ biss it-tieni isem tiegħu. Kopja tal-karta ta’ identita’ in kwistjoni qed tiġi esebita bħala Dok D.

5. Illi meta twieldet binthom it-tielet attriċi Tina Nazim, din ġiet reġistrata fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha bħala ta’ kunjom “Nazim”. Kopja taċ-ċertifikat relattiv qiegħed jiġi esebit bħala Dok E.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara illi l-kunjom tal-attur m’huwiex “Nazim” pero’ “Mgharious”

ii) Konsegwentement tiddikjara wkoll illi l-isem u l-kunjom tal-attriċi magħrufa preżenzjalment bħala Rosaria Nazim għandu jkun “Rosaria Mgharious”;

iii) Tordna lill-konvenut jirreġistra korrezzjoni fl-atti taż-żwieġ tal-attriċi Rosaria Nazim fis-sens li kunjomha jiġi jaqra “Mgharious”.

iv) Tiddikjara l-isem u l-kunjom tal-attriċi magħrufa preżenzjalment bħala Tina Nazim għandu jkun “Tina Mgharious”;

v) Tordna lill-konvenut jirreġistra korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-attriċi Tina Nazim fis-sens li kunjomha jiġi jaqra “Mgharious”.

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-2 ta' Lulju 2012, fejn permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti jirrileva li t-tieni talba rigwardanti l-bidla ta' kunjom ir-rikorrenti Rosaria Nazim ma tistax tintlaqa' u dan għar-raġuni illi fl-att taż-żwieġ *de quo* hemm imniżżel biss kunjom xbubit ir-rikorrenti. Ma hemm l-ebda intestatura jew spazju fejn jindika x'kunjom kellha tuża r-rikorrenti fiż-żwieġ;

3. Illi l-esponent lanqas ma jsib oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti Tina Nazim li minn "Nazim" jinqara "Mgharious", salv pero' li huwa m'għandhux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 1034/1994 (Dok A), u dan tenut kont tal-fatt li kien missier ir-rikorenti stess, Nabil Nazim, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement ġustifikata billi kif indikat fir-rikors kien hemm żball komprensibbli f'sitwazzjonijiet simili. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż. Hija wkoll ġustifikata l-eċċezzjoni fir-rigward tat-tieni talba.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti – *eccetto* pero' t-tieni talba li qed tiġi miċħuda.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------